# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 283/97

Salvatore Bigeni u b' digriet tat-18 ta' Jannar 2000 intervjenew fir-rikors Salvina Bigeni f' isimha propju u ghan-nom ta' Christopher u Paul kif ukoll Michelle Bigeni f' isimha propju

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 17 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1989/1991, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie

trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent ilu impjegat mal-Enemalta Corporation, bhala "handyman" ghal dawn l-ahhar hmistax il-sena. Huwa kien stazzjonat il-Power Station tal-Marsa u kien jahdem bix-shift.

Illi ftit wara l-bidla fil-gvern, ezattament f'Jannar 1988, ir-rikorrent, minghajr ebda raguni valida, gie trasferit ghat-Taqsima tal-Gas tal-Enemalta, gewwa B'Bugia.

Illi ir-rikorrent ma nghata ebda spjegazzjoni valida minghand is-superjuri tieghu, anzi kkonferma illi ma kienet saret ebda talba mis-superjuri diretti tieghu biex isir it-transfer.

Illi r-rikorrent talab l-intervent tal-General Workers Union f'dan il-kaz u fil-fatt xi zmien wara sar strajk ta' simpatija minn haddiema tax-xatt, membri tal-GWU bi protesta ghat-trasferiment tair-rikorrent u xi haddiema ohra.

Illi b'rizultat ta' din l-azzjoni ir-rikorrent ircieva struzzjonijiet biex jerga jirraporta ghax-xoghol fil-Power Station tal-Marsa fis-17 ta' Lulju 1989.

Illi r-rikorrent jidhirlu illi ma kien hemm ebda raguni valida li hu jigi trasferit mill-post tax-xoghol tieghu, u jsostni li dan gara x'aktarx minhabba li hu kien attiv fil-GWU jew ghal motivi politici.

Illi l-fatt li ma kien hemm ebda raguni valida ghat-trasferiment ingust tair-rikorrent mill-Marsa Power Station ghall-Gas Division, jirrizulta car billi ir-rikorrent gie ri-trasferit ghall-post originali tieghu wara li sar l-istrajk ta' simpatija minn membri tal-General Workers Union.

Illi r-rikorrent sostna illi, kieku kien hemm l-icken raguni valida ghaliex huwa kellu jigi trasferit, zgur li din kellha tigi mgharrfa lir-rikorrent jew ghall-inqas lill-GWU, li minn naha taghha zgur li ma kinitx tordna strajk ta' simpatija li kieku giet moghtija raguni valida ghat-trasferiment.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent, ghall-perjodu ta' sena u seba' xhur minn Jannar 1988 ma baqax jahdem bix-shift u ghalhekk sofra telf finanzjarju billi ma baqax jircievi shift allowance u hlas ghal overtime, Hdud u festi. Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda murija fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi ir-rikorrent (1) jithallas ix-shift allowances u hlasijiet ghal overtime, Hdud u festi li tilef ghall perjodu ta' sena u seba' xhur b'rizultat tat-trasferiment ingust li sofra.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi r-rikorrent permezz ta' Memorandum li ggib id-data ta' 19 ta' Jannar 1988 iffirmata mis-Sur Lawrence Ciantar li dak iz-zmien kien Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta gie traferit minn MPS Workshop fil-Power Station tal-Marsa ghal Gas Division f'Birzebbugia.

Illi dan it-transfer sar ghall-esigenzi tas-servizz u skond il-provvedimenti relattivi tal-Ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni Enemalta.

Illi d-dokumenti li ghandha l-Korporazzjoni ma jirrizultax li dan it-transfer sar b'xi mottiv iehor hlief ghall-imsemmija esigenzi tas-servizz.

Illi l-unika korrispondenza relatata li ghandha l-Korporazzjoni hi ittra li ggib id-datat ta' 28 ta' Jannar 1988 mill-General Workers Union u li jidher li taghha l-Korporazzjoni qatt ma nghatat risposta.

Illi r-rikorrent gie trasferit lura ghall MPS Workshop fi 17 ta' Lulju 1989.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi xehed Joe Mangion bhala rapprezentant tal-Enemalta fejn ikkonferma li fl-1988 s-Sur Bigeni kien gie trasferit mill-

workshop ta' l-Enemalta ghal gas division. Il-workshop tal-Enemalta kien il-Marsa power station. Hu ma kien ghamel l-ebda talba biex jinghata dan it-trasferiment kienet harget transfer list. Lanqas ma kien hemm xi talba mis-superjuri tieghu biex jigi trasferit. F'dan ir-rigward kien hemm strajk ta simpatija li kien gie ordnat mill-GWU u minhabba fih kien hemm strajk fil-port. L-istrajk fil-port kien mill-haddiema tax-xatt. Flimkien ma' Bigeni f'dak l-istess zmien gew trasferiti xi haddiema ohra fosthom Marco Calleja. Marco Calleja kien wiehed minn dawk li kellu lment quddiem dan it-Tribunal u l-kaz tieghu diga gie deciz. Nghid li n-natura tal-kaz tar-rikors li kellu Marco Calleja u dan ir-rikors huwa l-istess. It-tnejn li huma tilfu x-xift. L-istrajk ta' simpatija tal-GWU jirrigwardja l-istess suggett jigifieri bhala konsegwenza ta' dawn iz-zewg trasferimenti li kienu kollha fi transfer list wahda. Wara li l-GWU kien ghamel dan l-strajk ta' simpatija huma regghu marru lura f'posthom. It-transfer jigifieri kien gie withdrawn fis-17 ta' Lulju 1989. Mill-file ma jirrizulta l-ebda raguni ghalfejn kien sar dan it-trasferiment. Nikkonferma wkoll li wara li kien sar dan ir-rikors quddiem dan it-Tribunal il-korporazzjoni kienet offriet lil Salvatore Bigeni biex tasal fi ftehim mieghu izda huwa ddecieda li jibqa' jaghmel ir-rikors quddiem dan it-Tribunal. Bejn wiehed u iehor kien dam trasferit ghal madwar sena u tmien xhur.

Esebixxa Dok JA1 li dan id-dokument juri l-allowance li tilef Salvatore Bigeni fiz-zmien stipulat f'dan id-dokument bejn l-1988 u l-1989 u cioe' LM875.76.

Fit-18 ta' Sttembru, 2000 il-partijiet qablu li x-xhieda ta' Anglu Fenech u Lino Debono moghtija fil-kawza Marco Calleja vs Korporazzjoni Enemalta [deciza 1/3/00] tifforma parti minn din il-kawza.

Anglu Fenech, li kien Segretarju tal-General Workers Union xehed li wara l-bidla fil-gvern fl-1987, tela' l-gvern Nazzjonalista u ftit gimghat wara beda' jsiru xita ta' transfers lill-membri tal-General Workers Union. Kien sar jaf illi nies bix-shift li kienu membri tal-General Workers Union ser jitnehhew biex jigu bid-day work, li jfisser telf finanzjarju sostanzjali. Kien kellem lis-Segretarju Parlamentari izda ghalxejn u ghalhekk kien qallu li jkollu jaghmel azzjoni industrijali biex jipprotegihom. Ghamlu azzjoni industrijali, li tant kienet kbira li anke hallew il-vapur tal-faham barra, ma' jidholx l-Enemalta bin-nies tax-xatt. Fl-ahhar meta l-affarijiet kibru sew kien baghat ghalih l-Ministru Michael Falzon li kien il-Ministru u ftehmu li l-istrajk inehhieh pero' dawn jergghu imorru lura. Fil-fatt kien tah l-weghda u regghu marru lura bix-shift, kollha kemm huma. Minghalih kienu xi sitta jew seba' inkluz Marco Calleja u nehhew id-direttivi.

Ma naghtat l-ebda raguni bil-miktub ghat-trasferimenti. L-unika raguni kienet minhabba il-kulur politiku taghhom u li kienu ukoll membri tal-Generali Workers Union.

Lino Debono Segretarju Taqsima Parastatali u dakinhar li kienu hargu t-transfers kien segretarju li kien jirrapprezenta l-haddiema

ta' l-Enemalta semma li t-trasferiment kien iffirmat minn Lawrence Ciantar, bhala Chairman ta' l-Enemalta.

Dan it-Tribunal gja ghamel car l-pusizzjoni dwar transfers. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal: "Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni intimata ma gabet ebda raguni valida ghala sar it-trasferiment. Ma giex ippruvat li dik is-sezzjoni spiccat, lanqas li r-rikorrent ma kienx qieghed jaghmel xogholu sewwa. Ma inghatat ebda raguni valida. Ghaldaqstant isib l-ilment gustifikat u jichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni intimata.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li f'dan il-kaz ir-rimedju huwa wiehed ta' kumpens finanzjarju, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' seba' mitt lira [LM700] u dan ghax it-Tribunal qis l-ammont ta' LM875.76 imsemmi mix-xhud Mangion izda naqqas tal-fatt li r-rikorrent ma kellux l-iskumdita' li fill-fatt jahdem il-Hdud u Festi u bix-xift.

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.